**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**MALCOLM VELLA**

**Illum, 17 ta' Lullju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MALCOLM VELLA** ta' dsatax il-sena bin John u Louise nee Camilleri imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1982 u joqghod 2, 'Maple Leaf', Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 298182M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ewwel ta' April, 2001 fil-Gzira, filghaxija kkommetta serq ta' rota kompluta bit-tyre ta' karozza li tiswa aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin minn karozza tal-ghamla Ford Focus bin-numru ta' registrazzjoni

GAT 194 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew terzi persuni liema serq huwa aggravat bil-valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Talli nhar s-sitta ta' April, 2001 f'San Gwann ghall-habta tas-siegha ta' filghodu bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe serq ta' rota ta' karozza li l-valur taghha jeccedi l-valur ta' ghaxar liri maltin wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu liema serq li kieku sehh kien ikun ghad-dannu ta' terzi persuni u kien ikun kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datata hamsa w ghoxrin ta' April, 2001 markat bhala dokument CSH 2 f'dawn il-proceduri sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarju kif jirrizulta mill-mistoqsijiet li saru lil imputat fl-ezami skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 nhar l-erbgha ta' Gunju, 2001.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel u t-tieni akkuza u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Dwar il-piena il-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputat esibita mill-Prosekuzzjoni liema stqarrija giet rilaxxjata nhar s-sitta ta' April, 2001 ftit wara l-incident. Minn ezami ta' dan id-dokument markat DS 1, jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u ammetta sa minn dan l-istadju bikri tal-proceduri l-partecipazzjoni tieghu f'dawn z-zewg serqiet.

Il-Qorti qiset wkoll l-oggetti li gew misruqa u cioe serq ta' zewg tyres. Ghalkemm il-quantum mhux kbir xorta l-Qorti thoss li m'ghandhix tittollera serq, zghir kemm hu zghir u ghalhekk kulhadd ghandu jinzamm responsabbli ghal ghemil tieghu.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita f'dawn l-atti bhala dokument CSH 1 minn fejn jirrizulta li l-imputat huwa *a first time offender* u m'ghandhu l-ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha.

Illi dawn il-fatturi kollha flimkien ma l-ammissjoni tieghu fil-Qorti kif registrat fis-seduta tad-disgha ta' Lulju, 2001 ilkoll jghinu sabiex il-Qorti tkun klementi mal-imputat meta tigi biex tapplika l-piena.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279, 280, 281, 282, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi il-piena idoneja hija dik li tillibera lil imputat MALCOLM VELLA ghal perjodu ta' sentejn taht l-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fl-istess perjodu u ghalhekk tpoggih taht s-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg li ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti dwar l-andament tieghu kull sitt xhur.**

**Il-Qorti tordna komunika ta' din s-sentenza lil istess Probation Officer Carmen Borg.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**